

## Nista' nċempel biex nirrapporta vjolenza jew xi abbuż fuq it-tfal?

Iva. Tista' ċċempel u tibqa' anonima/u. Kulma trid tagħmel huwa li tgħidilna dwar il-każ u tagħtina dettalji bħall-isem, il-kunjom, l-indirizz u preferibbilment l-iskola li jattendu l-istess tfal.



## Nista' nsir voluntier mas-Supportline 179?

Iva. Jekk int interessat/a tista' ċċempel fuq 2295 9000 u tingħata aktar informazzjoni. Kull sena ssir sejħa għall-voluntiera u kull min japplika ssirlu intervista. Dawk li jintgħażlu jingħataw it-taħriġ meħtieġ.



## Supportline 179

Tiddejjaqx iċċempel. Telefonata 'l bogħod, xi ħadd lest jisimgħek u jgħinek!

Jekk tixtieq aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-Aġenzija Appoġġ tista' ċċempel fuq 2295 9000 matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, jew iżżur is-sit elettroniku www.appogg.gov.mt


Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

Aġenzija APPOĠĠ
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

Aġenzija SEDQA
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

Aġenzija SAPPORT
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt




# Supportline 179

**APPOĠĠ Supportline 179**
Servizz telefoniku nazzjonali offrut bla ħlas li minnu jista' jagħmel użu kulħadd, kemm jekk huma tfal, żgħażagħ, adulti jew anzjani

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

www.appogg.gov.mt

## Meta nista' nuża s-servizz tas-Supportline 179?

Appoġġ Supportline 179 jista' jgħinek jekk int bħalissa:

- Tinsab fi żmien diffiċli u tixtieq li xi ħadd jisimgħek
- Għandek problema u tixtieq tikseb l-għajnuna
- Tħossok waħdek u tixtieq titkellem ma' xi ħadd
- Qed tiġi abbużat/a u tixtieq l-għajnuna
- Int vittma ta' vjolenza domestika
- Taf b'xi ħadd li qed jiġi abbużat u tixtieq tikseb informazzjoni dwar kif tista' tgħinu
- Għandek problema ta' droga, alkoħol u/jew logħob tal-ażżard
- Tixtieq tkun taf aktar dwar xi servizz partikolari
- Tinsab bla saqaf fuq rasek
- Xi sitwazzjoni oħra li tinsab fiha u li tixtieq titkellem dwarha u titlob l-għajnuna

## Kif nista' nuża s-servizz tas-Supportline 179 u fi x'ħin nista' nċempel?

Kulma trid tagħmel huwa li ċċempel 179 minn linja tat-telefown fissa, kaxxa tat-telefown jew telefown pubbliku. It-telefonata hija bla ħlas. Tista' ċċempel x'ħin trid għaliex dan is-servizz jingħata 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.






## X'tip ta' għajnuna joffri Supportline 179?

L-għajnuna offruta minn dan is-servizz tiddependi minn dak li inti tixtieq. Jekk ċempilt għaliex għandek problema u tixtieq tiftaħ qalbek, ser issib lil xi ħadd jisimgħek; jekk ċempilt għaliex tinsab fi kriżi u tixtieq tagħmel xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni tiegħek, ser tingħata informazzjoni dwar servizzi li jistgħu jgħinuk. Jekk inti vittma ta' abbuż jew tinsab fil-periklu, Supportline 179 ser jgħinek billi jagħtik tagħrif dwar dak kollu li inti tista' tagħmel f'din is-sitwazzjoni. Jekk għandek problema ta' abbuż minn sustanzi jew logħob tal-ażżard, jew jekk inti jew ħaddieħor tinsabu f'xi periklu, Supportline 179 jgħidlek x'tista' tagħmel u lil min tista' tikkuntattja.

Meta int iċċempel, dak kollu li tgħidilna jibqa' kunfidenzjali u ma jingħad lil ħadd, ħlief bil-permess tiegħek.



## Min jirrispondi t-telefonata tiegħi?

Il-persuna li tirrispondi t-telefonata tiegħek hija voluntiera mħarrġa b'mod professjonali. Dawn il-voluntiera jkollhom taħriġ kontinwu flimkien ma' superviżjoni mill-Aġenzija Appoġġ. Numru ta' 'supervisors' li huma staff professjonali mill-FSWS, ikunu dejjem aċċessibbli għal dak kollu li jista' jinqala' u dan biex inti tingħata l-aħjar għajnuna skont il-każ tiegħek.

Ma' dawn il-voluntiera inti jkollok iċ-ċans kollu biex titkellem u tiftaħ qalbek. Meta ċċempel, huma ser jisimgħuk u jiggwidawk biex jekk ikun il-każ jirreferuk lejn servizzi oħra li jista' jkollok bżonn, anke dawk offruti minn aġenziji oħra.

Jekk tkun tixtieq għajnuna minn xi servizz partikolari, ikollok bżonn li tagħti d-dettalji personali tiegħek bħal isem, kunjom, indirizz, numru tat-telefon, u numru tal-karta tal-identità.

Dak li inti tgħid lill-voluntiera tas-Supportline 179 jibqa' kunfidenzjali u d-dettalji tiegħek ma jingħataw lil ħadd sakemm inti ma tkunx f'periklu u tkun teħtieġ għajnuna immedjata.

